# Insiru Nafu lil Joseph Farrugia

## 55 sena servizz lill-Banda Queen Victoria

Joe Chetcuti, Assistent *Chairman* tal-Kummissjoni Relazzjonijiet Pubbliċi fi ħdan l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, ħa l-okkażjoni sabiex jintervista lis-Sur Joseph Farrugia magħruf aħjar bħala *'Iż-Żużu'* għall-fuljett l-Istilla Karmelitana.

**Joseph, x'ħajrek li tibda titgħallem il-banda?**

Jien il-ħajra għall-banda kienet qabel ma twelidt peress li missieri (Karlu *tal-Bliqq*) kien bandist idoqq il-klarinett u kull fejn kien imur idoqq dejjem kien joħodni miegħu. Jien il-bidu tiegħi kien bil-klarinett, infatti kien hawn li s-Surmast Ċikku Bugeja niftakar li kien qalli, "mur ġib il-klarinett ta' missierek ħalli nurik l-irfis", wara li kont diġà tgħallimt kemm in-noti u kemm il-grammatika. Mort niġri ferħan ngħid lil missieri sabiex jagħtini l-klarinett, iżda kien pront u qalli, "Ma nagħtik xejn ħej, għax jekk ixxellifli l-qasba m'għandix oħra, u waqaft hemm. Wara ftit tal-ġranet kien hemm ċertu Ninu ta' Kalatu li kien idoqq it-trumbun u kien saqsieni, "għadek tafhom in-noti?" Pront għedtlu iva u qalli imxi l-banka tal-lottu ħalli nsiblek *'sax horn'*. Kitibli l-irfis fuq biċċa karta u bdejt nieħu l-lezzjonijiet fejn kont ħriġt indoqq fl-1945/46.

**Inti fi żmienek rajt diversi surmastrijiet differenti jidderieġu lill-Banda Queen Victoria. Tista' tgħidli min kien jolqtok l-iktar?**

Bħala surmastrijiet jien ilħaqt ftit lil Ċikku Bugeja, Joseph Bilokka ġieli kien ħabbat xi biċċa wkoll, Emanuel Bugeja u fl-aħħar lis-Surmast preżenti Alfred Farrugia. L-aktar li niftakar huma l-aħħar tnejn. Is-Surmast Bugeja kulħadd jafu li kien rinomat għall-aħħar għall-ġmiel ta' marċi li kien jikteb. Dak iż-żmien il-banda bdiet titkattar ġmielha u bdew joħorġu numru sabiħ ta' bandisti ġodda meta l-għalliem kien missier is-Surmast preżenti Ġanni Farrugia. Taħt is-Surmast Alfred Farrugia min-naħa l-oħra bdiet tindaqq ċertu mużika impenjattiva ferm għall-banda, speċjalment ta' kompożituri Russi. Il-programm tal-festa kien ġie trasferit mis-Sibt għal dak ta' fost il-ġimgħa, kif għadu jsir sal-lum, u hawn seta' jitgawda aktar mid-dilettanti tal-mużika fil-kwiet mingħajr ħruq tan-nar. Kulħadd konxju bil-programm li saret ittella' l-Banda Queen Victoria li hija rinomata ma' Malta kollha.

**Kif tiddeskrivi l-mużika li kienet tindaqq dak iż-żmien għaż-żminijiet tal-lum?**

Dak iż-żmien il-mużika kienet ferm differenti minn dik tal-lum u dak iż-żmien konna ndoqqu ħafna sinfoniji allegrużi kif ukoll mużika Klassika u selezzjonijiet minn diversi opri famużi. Konna nkunu mdawrin b'nies jisimgħu dawk is-solisti li litteralment kienu jħolluk bil-melodija. Illum il-programmi ħadu xejra ferm differenti li personalment ma tantx jolqtuni. Qegħdin naraw ħafna kantanti moderni jieħdu sehem mal-baned Maltin fejn tista' tgħid li ċertu baned saħansitra aktar spiċċaw bi programmi ta' diski milli dik ta' mużika Klassika.

**Illum kulħadd jaf li l-Banda tal-Għaqda Karmelitana Queen Victoria hija rinomata biżżejjed għan-numru sabiħ ta' bandisti tal-post li għandha fi ħdanha. Taqbel ma' dan?**

Sfortunatament Joe, illum ċertu baned saru joqogħdu fuq numru ta' bandisti u ftit li xejn jagħtu każ tal-ħoss tal-banda fejn mhux il-kwantità tgħodd imma l-kwalità. Il-Banda tagħna llum ilkoll nafu li għandha l-aqwa u l-aħjar skola ta' tagħlim tal-mużika fejn tista' tgħid li

kull sena jkollha numru sabiħ ta' bandisti ġodda. Għalkemm illum hawn ħafna xi jtellef liż-żgħażagħ mhux bħaż-żmien ta' dahri fejn il-ħarġa tagħna kienet tkun meta toħroġ iddoqq il-banda, xorta għadek issib, imma numru sabiħ ta' bandisti tal-lokal.

**Għidli ftit kif kien l-involviment tiegħek mal-Banda Queen Victoria?**

Kif diġà għedtlek, l-ewwel strument tiegħi kien '*sax horn*', imbagħad kienu tawni l-'*althorn*' li huwa prattikament kważi l-istess però ftit akbar. Imbagħad kont studjajt l-'*euphonium*' u spiċċajt bit-trumbun slajd. Dak iż-żmien kienu jagħtuna strument fejn kien ikun meħtieġ għall-banda. Hawn qatt ma nista' ninsa lil Ġanni, missier is-Surmast preżenti, għax kien hu li kien jurini xi lezzjonijiet kuljum, peress li konna ġirien u kont spiss immur għandu l-ħanut u ngħaddi l-lezzjonijiet ta' spiss. Fis-sena 2000 kont formalment infurmajt lill-Kumitat bl-irtirar mal-banda wara 55 sena servizz.

**Fl-aħħar nett għandek xi messaġġ x'tgħaddi lill-Banda Queen Victoria?**

Il-messaġġ tiegħi fl-aħħar nett huwa sabiex nappella iktar żgħażagħ jitgħallmu l-mużika u jattendu regolari fit-tagħlim tal-mużika. Inħeġġeġ ukoll lill-bandisti sabiex ikomplu jattendu għall-kunċerti li jsiru matul is-sena. Ir-riżultat ta' dan qiegħed hemm, imma rridu nkomplu nibżgħu għalih. Mhux ta' b'xejn li l-Banda Queen Victoria hija waħda mill-aqwa baned li nsibu fi gżiritna.

# OFFERTI BOTTEGIN

**Il-Kumitat qiegħed jilqa' l-offerti tal-bottegin għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u t-30 ta' Settembru 2014.**

**Kopja tar-regolamenti jinkisbu mingħand is-Segretarju**

**NB: L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa mmarkata OFFERTI TAL-BOTTEGIN sa nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru fit-8pm. Jinfetħu fil-preżenza tal-membri interessati ħmistax-il minuta wara.**

## Leħen il-Karmelitani 101.4FM

*jawgura lil dawn il-membri f'għeluq sninhom*

**Settembru:** Catherine Abdilla, Sarah Abdilla, Marica Bellizi, Neil Block, Maria Bonello, Audrienne Bonnici, Miriam Bugeja, Duane Callus, Maya Callus, Alisha Shannah Caruana, Angie Caruana, Liam Cassar, Marianne D'Amato, Michelle D'Amato, Anglu Farrugia, Gejta Farrugia, Lino Farrugia, Eric Laferla, Felica Saliba, Neville Saliba, Matthias Spiteri, Zackiel Tanti, Frances Tonna, Rita Tonna, Arthur Zammit.

**Ottubru:** Rosanne Axiaq, Christina Bonello, Reno Bugeja, Joseph D'Amato, Maria Darmanin, Dylan Ellul, Angelo Farrugia, Charlene Farrugia, Liam Farrugia, Leon Grima, Carmel Grixti, Josephine Grixti, Paul Lia, Rozina Mangion, Dimitri Pace, Yana Pace, Robert Saliba, Rosanne Spiteri, Doris Tabone, Stephanie Tanti, James Zammit, Nancy Zammit.

**Novembru:** Patrick Abdilla, Sandra Azzopardi, Jane Bugeja, Katia Cachia, Shaun Callus, Manuel Camilleri (Mazini), Carmelo Caruana, Lucy Mamo, Mary Grace Micallef, Maria Sciberras, Katie Webster.